## Rapport Amministrattiv 2024

# Kunsill Lokali Birżebbuġa

## Laqgħa Annwali tal-Lokalità

**L-Erbgħa, 12 ta' Marzu 2025**

## Werrej:

Il-Kunsill Lokali Paġna 2

Seduti tal-Kunsill u responsabbiltajiet Paġna 4

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali matul l-2024 Paġna 8

Rapport finanzjarju għas-sena 2024 Paġna 14

Rapport ta' ħidma miktub mill-kunsilliera Paġna 17

Konklużjoni finali Paġna 26

# 1. Il-Kunsill Lokali

Birżebbuġa, skont l-aħħar reġistru elettorali maħruġ f'Ottubru 2024, hija lokalità b'popolazzjoni li taqbeż l-14,000 ruħ. Għalhekk, skont il-liġi tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa huwa kompost minn disa' kunsilliera, b'Sindku u Viċi Sindku eletti direttament mill-poplu.

Il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentement immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, megħjun minn tmien skrivani full-time u contracts manager part-time. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi, u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti, kif ukoll il-membri tas-sottokumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun li jiddiskutu u jressqu proposti, li wara jiġu diskussi u deċiżi waqt seduta tal-Kunsill Lokali.

## L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta kif ġej:

**Is-Sur Jordy Brincat** — **Segretarju Eżekuttiv**
Kap amministrattiv, finanzjarju u eżekuttiv tal-Kunsill Lokali. Responsabbli mill-operat u l-ħidma sħiħa tal-Kunsill Lokali, l-amministrazzjoni, il-finanzi, ir-riżorsi umani u r-relazzjonijiet mal-Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern.

**Is-Sa Stephanie Aloisio** — **Assistent Prinċipal**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett amministrattiv. Responsabbli mill-applikazzjonijiet marbuta mal-Awtorità tat-Trasport, relazzjonijiet ma' diversi awtoritajiet oħra, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Simone Fenech** — **Assistent Prinċipal**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett tal-attivitajiet kulturali u soċjali. Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u azjendi kummerċjali, ġbir u rimi ta' skart goff, kirjiet tal-futbol pitch, permessi, ħlasijiet, attivitajiet soċjali, ilmenti, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Eleanor Manicaro** — **Assistent Prinċipal**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett finanzjarju, riżorsi umani, u remunerazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Responsabbli mill-ħlasijiet marbuta mal-ispejjeż tal-Kunsill, xiri ta' materjal u oġġetti oħra għal-lokalità kif approvati waqt is-seduti, rimborż minn skemi maħruġa u fondi oħrajn.

**Dr Alessia Psaila Zammit** **Contracts Manager**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett ta' kuntratti maniġerjali u relazzjoni mal-kuntratturi. Tissorvelja ż-żoni li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-kuntratturi u żżomm aġġornament tal-kuntratti u l-avviżi maħruġa lill-istess kuntratturi. Tikkordina wkoll il-pubblikazzjoni tat-tenders.

**Is-Sur Christian Mifsud** **Uffiċjal Eżekuttiv**
Jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv f'diversi laqgħat. Jassisti mill-aspett amministrattiv. Responsabbli mill-applikazzjonijiet tal-iskemi kollha, ġbir ta' kwotazzjonijiet, fixed assets register, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Anabelle Sarreo** **Uffiċjal Eżekuttiv**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett tal-korrispondenza u każijiet tal-ilmenti. Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u azjendi kummerċjali, ġbir u rimi ta' skart goff, permessi, ħlasijiet, ilmenti, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Anabel Micallef** **Uffiċjal Eżekuttiv**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv fejn jidħlu media u relazzjonijiet pubbliċi. Tassisti mill-aspett finanzjarju u mill-ħlasijiet marbuta mal-ispejjeż tal-Kunsill, xiri ta' materjal u oġġetti oħra għal-lokalità kif approvati waqt is-seduti, rimborż minn skemi maħruġa u fondi oħrajn, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Kathleen Hili** **Uffiċjal Eżekuttiv**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett tal-korrispondenza u każijiet tal-ilmenti. Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u azjendi kummerċjali, ħlasijiet, depożiti finanzjarji, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Mary Grace Farrugia** **Assistenta fl-Uffiċċju**
Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti, telephone operator, u assistenza ġewwa l-uffiċċju.

---

*Matul din is-sena l-ħaddiema tal-komunità sekondati mal-Kunsill Lokali kienu:*

Is-Sur Daniel Cutajar (Foreman)
Is-Sur Francis Cassar
Is-Sur Raymond Cefai
Is-Sur Stefano Buhagiar

## 2. Seduti tal-Kunsill Lokali u Responsabbiltajiet

*L-attendenza tal-kunsilliera kollha waqt is-seduti tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa ta' bejn Jannar 2024 (seduta 76) u t-30 ta' Ġunju 2024 (seduta 82).*

| Isem il-kunsillier | Numru ta' seduti | Preżenti | Assenti b'apoloġija | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Scott Camilleri | 7 | 7 | - | - |
| Josette Busuttil | 7 | 7 | - | - |
| Joseph Farrugia | 7 | 3 | 4 | - |
| Sandro Alexander Caruana | 7 | 7 | - | - |
| Doriana Portelli | 7 | 1 | 6 | - |
| Maria Mifsud | 7 | 7 | - | - |
| Carlo Stivala | 7 | - | - | 7 |
| Johann Borg | 7 | 4 | 3 | - |
| Simon Buttigieg | 7 | 4 | 3 | - |

*L-attendenza tal-kunsilliera kollha waqt is-seduti tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa ta' bejn Lulju 2024 (seduta 1) ut- 30 ta'Diċembru 2024 (seduta 9).*

| Isem il-kunsillier | Numru ta' seduti | Preżenti | Assenti b'apoloġija | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Scott Camilleri | 9 | 9 | - | - |
| Josette Busuttil | 9 | 9 | - | - |
| Sandro Alexander Caruana | 9 | 9 | - | - |
| Johann Borg | 9 | 1 | 6 | 2 |
| Maria Mifsud | 9 | 9 | - | - |
| Ivan Abela Grech | 9 | 9 | - | - |
| Karel Zahra | 9 | 9 | - | - |
| Rohasia Zammit | 9 | 9 | - | - |
| Darren Mark Debono | 9 | 9 | - | - |

## *Responsabbiltajiet tas-Sindku u l-kunsilliera attwali*

- **Is-Sur Scott Camilleri –** *Sindku*

a) Laqgħat tal-Kunsill u r-rappreżentazzjoni legali
b) Estimi u kontroll tal-finanzi (flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv)
c) Assenjar tax-xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill
d) Kumitati Reġjonali
e) Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar
f) Devoluzzjoni ta' propjetà tal-Gvern Ċentrali
g) Bye-laws
h) Relazzjonijiet barranin u ġemellaġġi
i) Storja u kultura
j) Għaqdiet volontarji
k) Corporate social responsability
l) Proġetti kapitali u infrastrutturali
m) Rappreżentant fuq l-EMC tal-Port Hieles
n) Rappreżentant fuq il-bord tal-attivitajiet tal-massa
o) Rappreżentant fuq il-bord ta' aġġudikazzjoni tas-sejħiet pubbliċi (tenders)
p) Rappreżentant fuq il-bord tal-immaniġġjar tat-traffiku
q) Rappreżentant fuq il-bord għat-talbiet ta' rimborż
r) Rappreżentant fuq il-bord tal-estimi u l-kontroll tal-finanzi
s) Rappreżentant fuq Steering Committee tal-parkeġġ miftuħ biswit il-Port Hieles
t) Rappreżentant fuq il-bord dwar l-ingaġġar u l-ħaddiema tal-Kunsill

- **Is-Sa Josepha k/a Josette Busuttil –** *Viċi Sindku*

a) Qasam Soċjali, Integrazzjoni u Inklużjoni Soċjali
b) Attivitajiet soċjali għall-anzjani
c) Assistenza soċjali
d) Solidarjetà, Integrazzjoni Soċjali u Ugwaljanza
e) Rappreżentanta fuq il-bord tal-attivitajiet tal-massa
f) Rappreżentanta tal-Kunsill fuq Gal Xlokk

- **Is-Sur Sandro Alexander Caruana –** *Kunsillier*

a) Infrastruttura u traffiku
b) Servizz tal-elettriku fit-toroq
c) Tabelli bl-ismijiet inkluż it-tismija tat-toroq
d) Servizz tal-ilma u d-drenaġġ
e) Rappreżentant fuq il-bord tal-immaniġġjar tat-traffiku
f) Rappreżentant fuq il-bord għat-talbiet ta' rimborż
g) Rappreżentant fuq il-bord tal-estimi u l-kontroll tal-finanzi
h) Rappreżentant flimkien mas-Sindku fuq proġetti infrastrutturali, inkluż ix-xogħlijiet ta' toroq, bankini u ġonna

- **Is-Sur Johann Borg –** *Kunsillier*

a) Saħħa, is-saħħa mentali u s-sanità,
b) Promozzjoni ta' trasport alternattiv
c) Trasport pubbliku

d) Bus shelters
e) Servizzi fil-komunità għall-anzjani
f) Evalwazzjoni tal-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar u Gazzetta tal-Gvern
g) Rappreżentant fuq il-bord tal-immaniġġjar tat-traffiku
h) Rappreżentant fuq il-bord dwar l-ingaġġar u l-ħaddiema tal-Kunsill

- **Is-Sa Maria Mifsud –** *Kunsillier*

a) Proġett ambjentali
b) Non-urban areas
c) Ġbir u mmaniġġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali
d) Latrini pubbliċi
e) Tindif, tisbiħ u ħarsien tal-ġonna pubbliċi inkluż it-tisqija
f) Żbir ta' siġar
g) Knis u tindif ta' toroq inkluż l-isqaqien rurali
h) Turiżmu
i) Rappreżentanta fuq il-bord ta' aġġudikazzjoni tas-sejħiet pubbliċi (tenders)
j) Rappreżentanta fuq l-EMC tal-Port Ħieles

- **Is-Sur Ivan Abela Grech –** *Kunsillier*

a) Pulizija, Protezzjoni Ċivili u Forzi Armati
b) Pulizija tal-Komunità
c) Sigurtà tal-lokal
d) Żvilupp ta' faċilitajiet sportivi
e) Attivitajiet sportivi u fiżiċi
f) Rappreżentant fuq il-bord tal-attivitajiet tal-massa
g) Rappreżentant fuq Skatepark Steering Committee

- **Is-Sur Karel Zahra –** *Kunsillier*

a) Innovazzjoni u diġitalizzazzjoni
b) Telekomunikazzjoni
c) Kalendarju liturġiku u attivitajiet reliġjużi fil-beraħ
d) Informazzjoni u applikazzjonijiet ta' fondi mill-UE
e) Liason officer għal skemi maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali
f) Xjenza, riċerka u teknoloġija
g) Rappreżentant tal-għaqdiet volontarji
h) Rappreżentant fuq il-bord tal-attivitajiet tal-massa
i) Rappreżentant fuq il-bord ta' aġġudikazzjoni tas-sejħiet pubbliċi (tenders)
j) Rappreżentant fuq il-bord għat-talbiet ta' rimborż
k) Rappreżentant fuq il-bord tal-estimi u kontroll tal-finanzi

- **Is-Sa Rohasia Zammit –** *Kunsillier*

a) Ħarsien tal-annimali
b) Żgħażagħ u tfal
c) Librerija pubblika lokali
d) Edukazzjoni
e) Rappreżentanta tal-Youth Detachment Programme Committee — Aġenzija Żgħażagħ

- **Is-Sur Darren Mark Debono –** *Kunsillier*

a) Promozzjoni tan-negozji
b) Negozju u kummerċ
c) Liċenzji tal-ħwienet
d) Suq fil-beraħ
e) Affarijiet marittimi inkluż iż-żamma tal-bajjiet u relazzjoni mal-entitajiet u għaqdiet konċernati
f) Manutenzjoni ta' żoni rikreattivi u funtani

---

## Formazzjoni tal-Kunsill Lokali (2024 – 2029)

| | |
|---|---|
| *Is-Sur Scott Camilleri* | **Sindku** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sa Josepha k/a Josette Busuttil* | **Viċi Sindku** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Sandro Alexander Caruana* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Johann Borg* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sa Maria Mifsud* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Ivan Abela Grech* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Karel Zahra* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sa Rohasia Zammit* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Darren Mark Debono* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |

# 3. Il-ħidma tal-Kunsill Lokali matul l-2024

## *Rapport mis-Sindku Scott Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat*

### Introduzzjoni

Matul is-sena 2024 il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ħadem fuq diversi proġetti li joffru kwalità ta' ħajja aħjar lir-residenti ta' Birżebbuġa, fosthom diversi proġetti ambjentali, infrastrutturali, soċjali, tisbiħ, sigurtà, u sports. Apparti minn hekk, fis-sena li għadha kif intemmet komplejna nwettqu u naħdmu qatigħ sabiex inkabbru l-effiċjenza fis-servizzi li noffru lill-komunità billi nagħtu aktar servizzi b'inqas spejjeż.

F'Ġunju tal-2024 saret l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali madwar Malta u Għawdex, fejn għad-9 leġiżlatura nħatru s-Sindku, il-Viċi Sindku u 7 kunsilliera. Għat-tieni darba, is-Sur Scott Camilleri u s-Sa Josette Busuttil ġew ikkonfermati bħala Sindku u Viċi Sindku ta' Birżebbuġa. Is-7 kunsilliera eletti huma: is-Sur Alexander Caruana, is-Sur Johann Borg, is-Sa Maria Mifsud, is-Sur Ivan Abela Grech, is-Sur Karel Zahra, is-Sa Rohasia Zammit, u s-Sur Darren Mark Debono.

Matul is-sena 2024 il-Kunsill kompla jsaħħaħ is-servizzi, filwaqt li ħadem ħafna sabiex itejjeb il-finanzi tal-Kunsill. Kellna nżommu jdejna sodi mal-kuntratturi, kif ukoll addottajna tfassil ta' sistemi ġodda u modernizzar diġitali. Harġu aktar offerti pubbliċi, fejn il-Kunsill żied is-servizzi li ġabu magħhom żieda fl-ispejjeż kuntrattwali.

Il-ħidma ta' dan il-Kunsill hi mqassma fuq diversi setturi, bħall-infrastruttura, proġetti kapitali u xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq, tindif, ġbir ta' skart u rimi illegali, tisbiħ u manutenzjoni ġenerali, infurzar u sigurtà fil-lokalità, solidarjetà u ħidma fil-qasam soċjali, edukazzjoni, tfal u żgħażagħ.

Is-sena 2024 hi meqjusa sena kruċjali billi l-Kunsill Lokali għalaq il-manifest elettorali, li dan tela' bih fl-2019. B'hekk, ħidmet il-Kunsill tirrifletti dan l-aspett tant importanti. Wieħed mill-proġetti importanti li saru fil-komunità ta' Birżebbuġa huwa l-ftuħ tal-berġa tas-saħħa, fejn il-Kunsill ħadem qatigħ mad-Dipartiment tas-Saħħa sabiex f'Marzu tal-2024 beda jingħata servizz ta' saħħa lir-residenti.

Proġett importanti ieħor għal Birżebbuġa kien l-inawgurazzjoni tar-rinovar ta' Ġnien il-Kunsill fiż-żona Tal-Papa. Dan hu l-ewwel bandli inklussiv u spazju ieħor miftuħ għall-familji. Dan il-proġett, li sar b'kollaborazzjoni bejn id-Dipartiment tax-Xogħliijiet Pubbliċi u l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, ġie mfassal biex jipprovdi aċċessibbiltà sħiħa lil tfal bi bżonnijiet speċjali u tfal bl-awtiżmu. F'dan il-proġett, barra l-installazzjoni ta' bandli ġodda u tagħmir għal-logħob ieħor, sar ukoll xogħol ta' manutenzjoni, tindif tal-pavimentar u bdil tal-lampi kollha eżistenti li jdawlu aktar u jikkunsmaw inqas enerġija.

Il-mira tal-Kunsill hi li jkompli jaħdem sabiex mhux biss itejjeb l-operat, iżda fl-istess waqt ikompli jaħdem sabiex il-lokalità ta' Birżebbuġa tkompli tisbieħ u tattira lill-pubbliku inġenerali. Filwaqt li l-Kunsill dejjem jagħmel ħiltu kollha sabiex iżomm il-finanzi f'qagħda tajba, ser ikompli jinvesti f'aktar proġetti kapitali lejn il-lokalità. Il-Kunsill jinsab ċert li

b'dan it-titjib kif ukoll proġetti proposti jirrispetta l-ambjent u l-valur ta' Birżebbuġa. Dan kollu nwettquh sabiex inkomplu nkunu ta' eżempju tajjeb għal lokalitajiet oħra.

## Infrastruttura, proġetti kapitali u xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq

### Xogħlijiet ta' toroq:

F'Ottubru beda x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-culvert ta' Triq Żaren Dalli minn Infrastructure Malta, filwaqt li tlestiet l-ewwel fażi tax-xogħlijiet fi Triq Birżebbuġa, imwettqa minn Enemalta, fuq is-sistema ta' tisħiħ tad-distribuzzjoni tad-dawl.

B'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi saru bankini ġodda fi Triq Għar Dalam. Saru wkoll xogħlijiet fuq il-bankina ta' madwar Ġnien l-Indipendenza minn Project Green.

### Proġetti kapitali:

Fil-bidu tas-sena 2024 saret konsultazzjoni pubblika dwar l-impjant tal-ħut, liema proposta tal-varjazzjoni tal-istess impjant għadha fil-proċess. L-operaturi tal-impjant tar-riċiklaġġ tal-ħut f'Ħal Far preżentaw varjazzjoni għall-permess ta' IPPC IP 00103/22 għar-rimi jew riċiklaġġ ta' karkassi ta' annimali jew skart ta' annimali b'kapaċità ta' trattament li taqbeż l-10 tunnellati kuljum u attivitajiet b'effluwent fil-baħar, fuq l-art, culverts u drains tal-ilma tax-xita.

Il-Kunsill Lokali ffirma għat-trasferiment ta' art mill-Awtorità tal-Artijiet għal fuq il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa. Wara diversi diskussjonijiet u laqgħat ġie miftiehem biex parti mill-art vakanti ta' bejn Triq Żaren Dalli u Triq San Mikiel tiġi żviluppata f'ċentru ċiviku li tinkludi l-bini ta' librerija pubblika b'aċċess mill-iskola kif ukoll post fiss għall-berġa tas-saħħa.

Fi Frar ġie inawgurat l-ewwel car park bi 3 sulari, fejn għal numru ta' snin din l-art kienet okkupata mill-privat. Dan il-car park ser ikun qiegħed itaffi l-problemi ta' parkeġġ fix-xhur tas-sajf. Dan il-proġett mistenni jgħin drastikament lill-komunità ta' Birżebbuġa fejn jidħlu parkeġġi u l-kwalità tal-għejxien tan-nies ta' Birżebbuġa u dawk li jiffrekwentawha.

Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa rċieva grant ta' €33,600 mill-aġenzija LESA biex jinvesti f'vettura li tkun tista' tagħti servizz ta' trasport b'xejn lill-anzjani fil-komunità ta' Birżebbuġa. B'dan l-investiment li ser ikun qed isir ser tkun qed tiġi ffaċilitata ħajjet l-anzjani Birżebbuġin.

Proġett ieħor li ġie inawgurat fl-2024 kien Ġnien l-Indipendenza. Dan il-proġett huwa parti minn sensiela ta' inizjattivi li Project Green qed iwettaq b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, bil-għan li nkomplu ntejbu l-ispazji pubbliċi għall-benefiċċju tal-komunità tagħna. Ġnien l-Indipendenza, li hu wieħed mill-ewwel ġonna stabbiliti fil-lokalità tagħna, kellu bżonn intervent biex jerġa' jingħata l-ħajja u jkun modernizzat skont il-bżonnijiet tal-lum.

Ġewwa l-lokalità ta' Birżebbuġa ġie inawgurat ukoll l-ewwel bandli inklussiv, b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi b'rinovazzjoni u manutenzjoni

b'valur ta' aktar minn kwart ta' miljun ewro. Ġnien il-Kunsill ġie addattat għat-tfal bi bżonnijiet speċjali u li jbatu bl-awtiżmu permezz ta' tagħmir tal-logħob u bandli ideali.

Matul is-sena 2024 sar ukoll l-iffirmar ta' ftehim bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-klabb tal-water polo ta' Birżebbuġa. Wara li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ħa ħsieb il-bini mill-ġdid tal-pixxina tal-water polo f'Birżebbuġa, issa ser titkompla fażi oħra ta' dan il-proġett fejn ser tinbena pump room ġdida fl-istess kumpless li permezz ta' teknoloġija moderna ser tkun qed issaħħan l-ilma ta' din il-pixxina sabiex tkun tista' tintuża wkoll fix-xhur tax-xitwa. Dan qed isir b'investiment ta' madwar €200,000.

Project Green u l-Ministru Miriam Dalli ħabbru uffiċjalment li ser issir estensjoni tal-park tal-familja ta' Bengħajsa f'Birżebbuġa. Din l-estensjoni ser twassal għal espansjoni ta' 7,000 metru kwadru oħra tal-park, bi tħawwil ta' aktar minn 140 siġra, fosthom ballut, ħarrub, u rand. Ser isir pavimentar ta' geo grid biex jistabbilizza l-ħamrija, li jipprovdi passaġġ aċċessibbli filwaqt li jżomm l-elementi naturali tal-art. Ser jiġu installati wkoll faċilitajiet ta' rikreazzjoni, inkluż żrieżaq u faċilitajiet inklussivi. Din il-fażi ser tinkludi wkoll stazzjon ġdid għall-moniteraġġ tal-kwalità tal-arja grazzi għall-ERA, b'6,950 metru kwadru ta' spazju aħdar ġdid u aktar minn 140 siġra ġdida, kif ukoll żoni ta' logħob inklussivi. Dan mistenni jitlesta fl-2025. Flimkien ma' Project Green, fi Triq l-Għerien sar ukoll pocket garden minn spazju mitluq.

### Dawl u servizzi:

Fil-bidu tas-sena bdew ix-xogħlijiet ta' tneħħija tal-istruttura żdingata li kienet isservi bħala ATM tal-bank APS snin ilu fil-pjazza ta' Birżebbuġa billi din l-istruttura kienet qed tkerraħ u toħloq inkonvenjent lir-residenti tal-madwar. Id-deċiżjoni li titneħħa din l-istruttura ġiet wara li l-bank uffiċjalment iddikjara li m'għadx għandu użu għaliha. Fil-frattemp li l-bank ħa deċiżjoni finali li jwaqqaf dan is-servizz snin ilu u ħalla din l-istruttura tiżdinga ruħha, ma kienx hemm alternattivi oħra ħlief li din tiżżarma u l-art tingħata lura lill-pubbliku.

Permezz tal-ftuħ tal-berġa tas-saħħa fi Triq Birżebbuġa, ir-residenti ta' Birżebbuġa qed jingħataw servizz ta' saħħa iktar komdu fl-istess lokalità.

F'Ottubru ngħata bidu għax-xogħlijiet sabiex tissaħħaħ is-sistema elettrika f'Birżebbuġa mill-Enemalta, flimkien ma' Infrastructure Malta. Dawn ix-xogħlijiet mistennija jitilgħu fil-pjazza u minn hemm ikomplu għal Triq Birżebbuġa, bejn Triq Santa Katerina u l-għassa tal-pulizija. Wara li jitlestew dawn ix-xogħlijiet, ix-xogħol se jitkompla mill-għassa sa Triq San Patrizju. Dan l-aħħar xogħol se jinkludi interventi minn Enemalta kif ukoll xogħlijiet tad-drenaġġ mill-WSC.

## Immaniġġjar tat-traffiku u trasport pubbliku

### Trasport pubbliku:

Kien hemm estensjoni ta' servizz marbut ma' rotta 82. Wara diversi laqgħat mal-Awtorità tat-Trasport Pubbliku dwar titjib fir-rotta 82, ġie embarkat dan il-proġett pilota għaż-żoni ta' wara l-knisja parrokkjali u Triq Tal-Ġebel. Minn Jannar 2025 ser ikun hemm ukoll bidliet fir-rotta 80, li sservi lil Birżebbuġa, billi ser tibda tgħaddi mill-Qajjenza wkoll. Din se tidħol minn FM Ferretti għal Triq il-Fossili sal-batterija ta' Ferretti u toħroġ lura minn Triq FM

Ferretti għal Triq Għar Dalam, fejn tkompli r-rotta lejn Birżebbuġa. Għal darb'oħra, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa offra servizz ta' shuttle bus b'xejn fi żmien il-festa. Din l-inizjattiva ssir kull sena.

### Immaniġġjar tat-traffiku:

Wara l-evalwazzjoni tal-proġett pilota tal-one-ways fil-Qajjenza, flimkien ma' diskussjoni mar-residenti tal-akkwati, ġie stabbilit tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku fi Triq id-Daqqaqa u b'hekk saret two-way.

## Tindif, ġbir ta' skart u rimi illegali, tisbiħ u manutenzjoni ġenerali

### Tisbiħ u manutenzjoni ġenerali:

Matul is-sena 2024, l-Aġenzija tar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi (TZRA) provdiet ħaddiema sabiex saret ħidma li tikkonsisti f'titjib u tisbiħ tal-promenade ta' Birżebbuġa. Il-Kunsill Lokali ffinanzja dan il-proġett permezz tax-xiri taż-żebgħa u l-materjal kollu.

Permezz ta' Infrastructure Malta saru xogħlijiet ta' tiswijiet u manutenzjoni fuq il-moll ta' San Ġorġ. Fost ix-xogħlijiet li saru hemm l-installazzjoni ta' puġġamani tal-ħadid bil-għan li tiżdied l-aċċessibbiltà għal tlugħ u nżul fuq l-opri żgħar tal-baħar. Apparti dan kollu, Infrastructure Malta għamlet intervent simili fuq il-moll biswit il-ġnien fl-istess żona. Saret ukoll manutenzjoni fuq ir-railing tal-promenade tal-Qajjenza mill-ħaddiema tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Fi Triq il-Qajjenza sar ukoll tindif, żbir u diversi tiswijiet.

## Infurzar u sigurtà fil-lokalità

### Infurzar:

Kull xahar, issir laqgħa bejn is-Sindku, l-Kunsillier responsabbli,B'impenn u b'ħidma kollettiva flimkien mal-uffiċjali tal-LESA, il-pulizija tal-komunità u l-pulizija tad-distrett żidna l-infurzar għas-sigurtà kif ukoll biex tinżamm l-indafa. Saret ukoll ħidma dwar infurzar għall-parkeġġi illegali, kif ukoll ġew identifikati l-possibbiltajiet kollha biex naqqasna l-abbuż ta' rimi ta' skart illegali. Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa implimenta sistema ta' uffiċjali ECO li jkunu qed iduru fit-toroq ta' Birżebbuġa sabiex jassiguraw l-indafa tat-toroq. L-uffiċjali ECO qed jagħtu multi fejn isir rimi ta' skart b'mod illegali u mhux skont l-iskeda.

### Sigurtà:

B'kollaborazzjoni ma' GreenPak Coop, ġew installati cameras f'kull żona li hemm ir-recycle bins fiha. Dawn il-cameras huma mqabbda mas-sistema tal-LESA sabiex min iħammeġ u jarmi ħażin jeħel penali. Il-Kunsill investa f'camera b'live feed fuq il-Bajja ta' San Ġorġ, wara suġġeriment mill-Għaqda Sajjieda Birżebbuġa u diversi dilettanti tas-sajd. Din il-camera tingħaqad mal-live cameras tal-Bajja s-Sabiħa, il-Qajjenza, u x-xatt ta' San Ġorġ.

Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ħabbar li hemm 2 skemi tan-neighbourhood watch sabiex tiżdied is-sigurtà fil-komunità; waħda fiż-żona Tas-Silġ, u l-oħra f'parti mill-Qajjenza. Fil-futur qarib ser ikunu qed jiġu introdotti 2 oħra.

## Attivitajiet fil-qasam soċjali u ħidma ġenerali fil-komunità

Fi Frar ġiet organizzata attività tal-karnival fis-sala tal-iskola primarja ta' Birżebbuġa. L-attività bdiet permezz ta' parata u xow karnivalesk f'diversi toroq bil-baned tal-lokal, u wara programm mill-isbaħ fis-sala tal-iskola primarja bis-sehem ta' diversi artisti u kantanti lokali.

Il-Kunsill Lokali kkolabora ma' grupp studenti tal-ewwel sena fil-kors tan-nursing fejn organizzaw attività fil-komunità billi provdew servizzi b'xejn ta' check-ups bħal iċċekkjar ta' pressjoni, etċ. Għal sena oħra, il-Kunsill reġa' offra s-servizz tal-għoti tal-vaċċini tal-influwenza mis-sala tal-Kunsill.

Il-Kunsill qassam vawċers lil kull min irreġistra bħala cat feeder permezz tal-iskema li ħarġet l-Animal Welfare biex ittaffi ftit mill-piż finanzjarju li jkollhom il-persuni li jitimgħu l-qtates.

F'Birżebbuġa ġie ċċelebrat Jum id-Diversità, fejn ġiet iċċelebrata d-diversità vibranti fil-komunità tagħna. Dan l-avveniment kien kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, Aġenzija għas-Servizzi Komunitarji u Terapewtiċi (FSWS), Active Ageing & Community Care, il-pulizija ta' Birżebbuġa, il-parroċċa ta' Birżebbuġa, Fondazzjoni St Jeanne Antide, Aġenzija Żgħażagħ, is-Servizz Primarju tas-Saħħa, l-Assoċjazzjoni tal-Emigranti Nisa, il-Komunità Sudaniża, il-Unit Nazzjonali tal-Trasfużjoni tad-Demm, l-iskola primarja ta' Birżebbuġa, fost oħrajn. Saru workshops interattivi u esebizzjonijiet artistiċi, u prestazzjonijiet dinamiċi bħalma huma l-basketball bis-siġġu tar-roti u l-arti marzjali.

Sar il-ftuħ uffiċjali tal-outdoor gym ġewwa l-Bajja s-Sabiħa. Dan kollu sar b'kollaborazzjoni mal-kumpanija Bulletproof li magħha ffirmajna dan il-ftehim wara li ġie approvat mill-Kunsill unanimament.

Ġiet organizzata beach clean-up fil-Bajja s-Sabiħa mill-Awtorità tad-Djar u Malta's Sustainable Development Action Days. F'Settembru saret ukoll World Clean-Up Day fi Triq Tal-Ġebel, flimkien mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Il-Kunsill Lokali offra sessjonijiet ta' fitness b'xejn lir-residenti ta' Birżebbuġa ġewwa l-iskola primarja ta' Birżebbuġa, liema sessjonijiet għadhom għaddejjin.

## Edukazzjoni, tfal u żgħażagħ

Bis-servizz tal-Lifelong Learning, il-Kunsill offra numru ta' korsijiet għall-adulti, sabiex dawn jibqgħu jitħarrġu fit-tagħlim tagħhom. Apparti minn hekk kompla jsir l-investiment fil-librerija tal-lokalità li tinsab fl-iskola primarja ta' Birżebbuġa.

Għal sena oħra, fl-2024 Birżebbuġa kienet waħda mill-aktar libreriji li jikkonkorru nies għaliha, b'hekk il-Kunsill matul din is-sena investa fi xkafef u kotba ġodda permezz ta' skema maħruġa mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar.

Barra minn hekk, il-Kunsill Lokali offra korsijiet tal-make-up fl-uffiċċju tal-komunità kif ukoll offra l-korsijiet tax-Xjenza lit-tfal ta' Birżebbuġa.

## Komunikazzjoni mar-residenti

Il-komunikazzjoni mar-residenti hija ta' prijorità. Matul din is-sena l-Kunsill kompla jsaħħaħ il-komunikazzjoni tiegħu fuq il-paġni soċjali kif ukoll b'mezzi tradizzjonali oħrajn. Il-Kunsill innota li l-paġna uffiċjali tal-Kunsill kompliet iżżid fil-popolarità tagħha u hija l-mezz kif isir kuntatt mal-pubbliku bl-aktar mod faċli u effettiv fid-dinja tal-lum. Naturalment għadna 'l bogħod milli nkunu qed nolqtu l-maġġoranza tar-residenti, u għalhekk il-Kunsill irid ikompli jaħdem ħalli aktar nies jagħmlu użu minnha. Għall-ħabta t'Ottubru l-Kunsill Lokali ħoloq WhatsApp channel, fejn ir-residenti jkunu jistgħu jżommu ruħhom aġġornati mal-aħħar aħbarijiet maħruġa mill-Kunsill Lokali.

Kull xahar il-Kunsill Lokali jiltaqa' waqt seduta uffiċjali li tkun live streamed fuq il-website uffiċjali tal-Kunsill. Ukoll, kif stipulat bil-liġi, il-Kunsill obbligat li tul is-sena jsejjaħ żewġ laqgħat annwali għall-pubbliku.

## 4. Rapport finanzjarju għas-sena 2024

Matul is-sena 2024 il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa kellu dħul ta' €1,113,966. Din is-somma hi magħmula mill-allokazzjoni finanzjarja, permessi li matul l-2024 kien hemm żieda, skemi u inizjattivi li l-Kunsill Lokali applika u rnexxielu jibbenifika minnhom. Kien hemm ukoll żieda mis-sistema tal-Local Enforcement System u sponsorships oħrajn.

Meta wieħed inaqqas l-ispejjeż mid-dħul, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa għalaq is-sena b'deficit ta' €126,305, minħabba żieda sostanzjali fid-depreciation.

Grazzi għall-ħidma tajba tal-Kunsill u l-amministrazzjoni, il-Kunsill Lokali fl-aħħar tas-sena kien f'pożizzjoni li jippjana u jibda jwettaq numru ta' proġetti u investimenti kapitali għal matul is-sena 2025. F'paġni 15 u 16 hemm statement finanzjarju dwar dan kollu fid-dettall.

**Local Council Birzebbuga**

**Statement of Profit or Loss and Other Comprehensive Income**
**for the year ended 31 December 2024**

| | Notes | 2024 € | 2023 € |
|---|---|---|---|
| **Revenue** | | | |
| Funds received from Central Government | 3 | 1 040,747 | 942,305 |
| Income raised under Local Enforcement System | 4 | 5 563 | 3 645 |
| General Income | 5 | 67,656 | 50 047 |
| | | 1 113,966 | 995 997 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal Emoluments | 6 | (299,275) | (269,199) |
| Operations and maintenance | 7 | (533,681) | (424,378) |
| Administration and other expenditure | 8 | (407 315) | (486 531) |
| | | (1 240 271) | (1 180 108) |
| **Operating (loss) for the year** | | (126,305) | (184,111) |
| **(Loss) for the year** | | (126,305) | (184,111) |



The notes on pages 9 to 27 form an integral part of these financial statements,

**Local Council Birzebbuga**

**Statement of Financial Position**
**as at 31 December 2024**

| | Notes | 2024 € | 2023 € |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | | | |
| **Non-Current Assets** | | | |
| Property, plant and equipment | 10 | 379,618 | 429,672 |
| Intangible assets | 9 | 47 | 759 |
| | | 379,665 | 430,431 |
| **Current Assets** | | | |
| Receivables | 11 | 97,025 | 217,007 |
| Cash at bank and in hand | 12 | 1,142,532 | 1,124,472 |
| | | 1,239,557 | 1,341,479 |
| **Total Assets** | | 1,619,222 | 1,771,910 |
| **RESERVES** | | | |
| Retained earnings | | 1,069,452 | 1,195,757 |
| **Total reserves** | | 1,069,452 | 1,195,757 |
| **Current Liabilities** | | | |
| Trade and other payables | 13 | 246,349 | 272,732 |
| Short-term borrowings | 14 | 303,421 | 303,421 |
| | | 549,770 | 576,153 |
| **Total Liabilities** | | 549,770 | 576,153 |
| **Total reserves and liabilities** | | 1,619,222 | 1,771,910 |

These financial statements were approved by the Local Council on 12th February 2025 and signed on its behalf by:

Scott Camilleri
Mayor

Jordy Brincat
Executive Secretary

The notes on pages 9 to 27 form an integral part of these financial statements.

6

# 5. Rapport ta' ħidma miktub mill-kunsilliera

## *> Rapport ta' ħidma mill-Viċi Sindku Josette Busuttil*

Sena 2024 kienet verament sena impenjattiva u mimlija sfidi għall-lokalità tagħna. Kif semmejt, bdejna sena ġdida b'kunsill fejn naħdmu għal ħafna proġetti li wasslu għal riżultati konkreti. Personalment, nixtieq nirringrazzja lil kulħadd li tal fiduċja fija, u l-appoġġ tagħhom kien essenzjali għall-ħidma tagħna.

Bħala kunsilliera responsabbli mill-qasam soċjali, kull xahar niltaqgħa ma' FSWS u l-entitajiet lokali biex niddiskutu temi t'importanza għas-soċjetà u biex ningħaqdu flimkien għas-servizz tal-lokalità. Flimkien ghal l- ewwel darba giet organizzata Diversity Day. Din kienet ġurnata li ġiet iċċelebrata biex ġiet rikonoxxuta u apprezzata d-diversità kulturali, etnika, razzjali, soċjali u lingwistika fl-oqsma differenti ta' ħajja, bħall-postijiet tax-xogħol, l-iskejjel, jew komunitajiet ġenerali. Il-għan ta' din il-ġurnata kien li żviluppa taghlim akbar bejn il-persuni, tippromwovi r-rispett għall-għaqda u l-inklużjoni, u tinkoraġġixxi l-kuxjenza dwar l-importanza tal-ugwaljanza.

Ħadna sehem f'attivitajiet bħall-organizzazzjoni ta' Buffett għal Jum San Valentinu, il-karnival lokali, u żjara fiz- Zejtun u wara Marsaxlokk ghal festa ta' San Girgor .

F'April, flimkien mal- Kunsill Lokali ħloqna opportunitajiet għal make-up courses li ġew kienu success. Kien hemm ftehim tajjeb biex jibda servizz tat-trasport pubbliku bin- numru 80 ,il- Qajjenza .

Nixtieq infaħħar lil kulħadd li għen biex dawn l-attivitajiet u l-proġetti jsiru realtà u, mingħajr dubju, il-kollaborazzjoni tal-kunsill preċedenti kienet kruċjali għas-suċċess tagħna. Għal dawk li ġew qabilna, nirringrazzjawhom ta'kollox.

Nixtieq nawgura sena oħra li tagħti kull wieħed u waħda opportunitajiet oħra biex inkunu iktar effettivi fl-għajnuna lill-komunità tagħna.

## > *Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Alex Caruana*

Matul is-sena 2024, minkejja l-isfidi personali li għaddejt minnhom wara l-inċident li ġrali waqt xogħol volontarju li kont qed nagħmel b'risq il-lokal tagħna, ħdimt fuq diversi affarijiet li kienu ta' mportanza:

1. Ġnien il-Kunsill Lokali li dan issa tlesta u gie inawgurat f'Mejju 2024.

2. Hdimt u kkordinajt diversi xogħlijiet fuq bankini ġodda u tiswijiet ta' bankini li għadhom għaddejjin. Matul l-2024, saru bankini fi Triq l Arzella Triq il-Haruf.

3. Twahhlu diversi rubber road humps fi Triq San Ġwann u Triq iż-Żurrieq.

4. Ikkonkludejt il-masterplan tat-traffic management tal-Qajjenza fejn anke applikajna għall-iskema ta' Vjal Kulħadd li ħarġet mill-Ministeru għal-Infrasstrutura, Trasport u Public Works għal Triq F.M. Ferretti u Triq Herakles.

5. Ressaqna u ħdima fuq proposta għall *waiting parking lane* fi Triq Għar Dalam biex tkun tista tidħol il-Qajjenza mingħajr ma jkun hemm għalfejn tagħlaq il-lane l-ieħor. Din issa tinsab għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

6. Komplejna inżidu aktar street lighting ġodda mar-rahal kollu. Ma dan ma jonqosx ukoll it-tiswijiet li jinqalgħu b'mod regolari. Waħalna wkoll ammont sew ta' bozzoz LED, fosthom f'Misraħ il-Knsija biex inzidu l-illuminazjoni u jkollna inqas konsum.

7. Saru ħafna laqgħat ta' koordinament bejn il-Kunsill Lokali, Infrastructure Malta, Enemalta, Water Services u kif ukoll ma diversi kuntratturi u Periti ħabba xogħolijiet ta' cables u dranaġġ li beda lejn l-aħħar tas-sena 2024 u li għadhom għaddejin sal-llum ġewwa Birżebbuġa

8. Hdimt biex jitlesta d-disinn tal-istorm water culver ta Triq Birżebbuġa biex dan jiġi implimentat waqt li ghaddejjin ix-xoghlijiet fuq l istess triq.

9. Kont nattedni laqgħat fejn jidħlu attivitajiet marbuta mal-baned tal-lokal u dejjem ħdimt sabiex l-għaqdiet jaħdmu flimkien u jkun hawn għaqda sħiħa.

10. Assistejt f'diversi evalwazzjoni ta' tenders li ħarġu matul is-sena 2024.

## > *Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Johann Borg*

Rigward Transport Publiku saret ħidma flimkien Transport Malta biex in-naħa tal-Qajjenza jibda jkollom servizz ta' linja li tidħol fil-Qajjenza lejn il-Belt li beda f'Diċembru 2024. Hemm ukoll ħidma biex nirrangaw u nibnu żewġ bus shelters. It-trasport pubbliku kompla jiżdied bl-82A li qed toffri servizz ukoll lir-residenti li joqgħodu Triq il-Gebel.

Rigward id-dekasteru tas-saħħa sar il-ftuħ tal-berġa temporanja ġewwa Triq Birżebbuġa. Barra min hekk f'Dicembru 2024 ingħatat it-tilqima ta' kontra l-Influenza lir-residenti speċjalment dawk anzjani u li għadom jgħixu fil-kommunità ta' Birżebbuga.

Fis-settur tas-saħħa mentali kien ta' pjacir tiegħi flimkien ma' Sindku Scott Camilleri li hemm servizz ta' saħħa mentali li qed jingħata lil residenti li għaddejin minn problemi ta' saħħa mentali.

Matul is-sena 2024 bqajt naħdem flimkien mal-kollegi kunsilliera biex il-problema tal-rwejjah tal-ħut mill-impjant ta' Hal Far titrazan waħda u sew. Madankollu kull permess li kien joħrog mill-Awtorita ta' l-Ippjanar li kien se jolqot lil Birżebbuġa ħdimna u bqajna naħdmu bħala Kunsill Lokali u flimkien mal-Konsulent Ambjentali tal-Kunsill Lokali.

## > Rapport ta' ħidma mill-Kunsilliera Maria Mifsud

Matul l-2024, il-ħidma tiegħi bħala Kunsilliera fuq l-Ambjent u n-Nadfa kienet iffukata fuq diversi aspetti relatati mal-indafa pubblika, il-manutenzjoni ta' żoni ħodor, u l-koordinazzjoni bejn l-entitajiet relevanti biex jitjieb l-ambjent lokali.

- **Sorveljanza tax-Xogħlijiet Relatati ma' Żbir, Hamrija u Indafa**

Matul din is-sena, żammejt sorveljanza kontinwa fuq xogħlijiet ta' żbir ta' siġar u ħxejjex f'żoni pubbliċi biex tiġi żgurata manutenzjoni adegwata. Barra minn hekk, irrapportajt każijiet fejn kienet meħtieġa manutenzjoni jew intervent immedjat fuq xogħlijiet relatati mal-ħamrija u l-indafa ġenerali.

- **Koordinazzjoni mal-Entitajiet Relatati**

Biex tiġi żgurata ħidma aktar effiċjenti, ħdimt f'koordinazzjoni mill-qrib mal-entitajiet li joperaw fl-istess dekasteru. Dan inkluda entitajiet responsabbli għas-saqqajja, il-ġonna pubbliċi, u d-dipartimenti li jieħdu ħsieb l-indafa u r-rimi tal-iskart.

- **Ġonna Pubbliċi: Ġnien l-Indipendenza u Tal-Qajjenza**

B'mod partikolari, kelli sehem dirett fil-manutenzjoni u s-sorveljanza tax-xogħlijiet fil-Ġnien l-Indipendenza u Ġnien Tal-Qajjenza. Dawn iż-żoni kienu taħt attenzjoni kostanti sabiex jiġu mħarsa l-isbuħija naturali tagħhom u tiġi żgurata l-indafa tagħhom.

- **Għajnuna f'Clean-Ups Lokali**

Flimkien ma' voluntiera u organizzazzjonijiet lokali, tajt kontribut f'għadd ta' clean-ups organizzati fil-lokalità. Dawn l-inizjattivi għenu fit-tneħħija ta' skart illegali u t-titjib tal-ambjent għal komunità aktar nadifa u sostenibbli.

- **Attenzjoni għal Ilmenti Relatati mal-Ambjent**

Matul is-sena, irċevejt u ħdimt fuq diversi ilmenti mill-pubbliku dwar kwistjonijiet relatati mal-indafa, l-immaniġġjar tal-iskart, u l-kundizzjoni ġenerali tal-ambjent. F'ħafna każijiet, dawn l-ilmenti ġew indirizzati permezz ta' azzjoni immedjata jew koordinazzjoni ma' entitajiet oħra biex jinstabu soluzzjonijiet.

- **Sehem fil-European Week of Waste Reduction**

F'Novembru, ħadt sehem fl-European Week of Waste Reduction. Dan kien pass importanti biex titqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-immaniġġjar tajjeb tal-iskart fil-komunità.

- **Avviżi Regolari Relatati mal-Għbir tal-Iskart u Affarijiet Oħra fuq l-Ambjent**

Biex titjieb il-komunikazzjoni mal-pubbliku, ħdimt ukoll fuq il-pubblikazzjoni ta' avviżi regolari dwar il-ġbir tal-iskart, l-iskeda tat-tneħħija ta' skart differenti, u suġġerimenti dwar kif il-komunità tista' tgħin biex iżżomm l-ambjent aktar nadif. Dawn l-avviżi ġew imxandra fuq pjataforma soċjali biex jilħqu kemm jista' jkun nies.

## > Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Ivan Abela Grech

Il-Hidma tiegħi fil-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa bħala Kunsillier bdiet f'Lulju 2024 wara l-ħatra uffiċjali. Is-Sindku fdali d-dekasteru tal-Infurzar/Sigurtà u l-isport.

Mil-ewwel bdejt bil-kuntatti tiegħi ma' uffiċjali tal-infurzar, b'mod partikolari, il-Pulizija tal-Komunità biex nassigura li bejnietna jkun hemm komunikazzjoni tajba. Darba fix-xahar isir il-laqgħa bejn rappreżentanti tal-Kunsill Lokali, il-Pulizija tal-Komunità u l-LESA. Jien inkun preżenti għal dawn il-laqgħat.

Għamilt laqgħa wkoll mal-LESA dwar cameras tal-bring-in-sites, biex titjieb l-użu tagħhom u jitnaqqas l-abbuż, fejn fil-fatt, informat illi nħarġu bosta taħkiriet u r-rimi llegali biswit dawn il-bring-in-sites naqas. Tajna bidu flimkien mal-Pulizija tal-Kommunità u numru ta' residenti miż-żona tal-Qajjenza għall-community watch.

Kont ipproponejt, u l-Kunsill approvaha, biex f'Birżebbuġa nintroduċu l-eco wardens b'kollaborazzjoni mal-LESA, sabiex ikollna uffiċjali tal-LESA pajżana f'postijiet identifikati mill-Kunsill fejn l-aktar li jsir abbuż ta' rimi llegali u fejn ġeneralment m'għandniex cameras.

Għamilt diversi żjarat flimkien mal-Pulizija tal-Kommunità biex nidentifikaw illegalitajiet madwar Birżebbuġa. Beda l-proċess biex jitnaqqas ukoll l-abbuż tal-aċċess u parkeġġ illegali fuq il-promenade, filwaqt li qed nevalwa possibilitajiet differenti biex nagħmlu l-promenade aktar sigur.

Saru xbieki ġodda fil-lasti tal-football u basketball li hemm fil-grawnds tax-xatt; filwaqt li bħalissa qed issir manutenzzjoni fuq il-lasta tal-basketball. Attendejt għal-laqgħat mal-Bulletproof għall-ftuħ tal-open gym, li huwa fix-xatt ukoll. Dan l-aħħar xhur kellna laqgħat mal-organizzaturi tal-Island Games għall-attività li se ssir f'Mejju 2025.

Kont parti mill-kumitat għall-attività ta' Jum Birżebbuġa.

Indirizzajt problema ta' parkeġġ li kien qed isir minn karozzi tal-linja fuq il-bus stop fi Triq il-Port Hieles li kien qed jipperikola l-ħruġ ta' vetturi minn Triq is-Sebħ għal Triq il-Port Hieles. Kuntatt kontienwu mar-residenti, fejn indirizzajt problemi diversi li huwa relatati mad-dekasteru tiegħi, filwaqt illi lmenti relatati mad-dekasteri tal-kollegi, għaddejthom lill-kunsillier responsabbli. Dejjem attendejt għal-laqgħat ta' kull xahar tal-Kunsill Lokali.

## *> Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Karel Zahra*

Dawn l-ewwel ftit xhur minn mindu bdejt il-ħdima tiegħi bħala kunsillier kienu xhur li fihom kelli ħafna x'nitgħallem. Fil-bidu ta' dan ir-rapport, nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li għenuni f'dawn ix-xhur, fosthom il-ħaddiema tal-kunsill, is-sindku u l-kunsilliera l-oħra tar-raħal tagħna, kif ukoll lil kunsilliera li m'għadhomx iservu. Dawn ilkoll tawni pariri siewja u ħinhom biex drajt il-ħidma l-ġdida fil-kunsill lokali. Bħala kunsillier, ġejt afdat b'numru ta' dikasteri li jinkludu:

- Innovazzjoni u diġitalizzazzjoni
- Telekommunikazzjoni
- Kalendarju liturgiku u attivitajiet reliġjużi fil-beraħ
- Informazzjoni u applikazzjonijiet għal fondi mill-UE
- Liaison officer għal skemi maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali
- Xjenza, riċerka u teknoloġija
- Rappreżentant tal-għaqdiet volontarji

Bħala parti mill-ħidma tiegħi f'dawn id-dikasteri, saru numru ta' diskussjonijiet, proposti u attivitajiet, li għalihom qed nippreżenta sommarju fis-sezzjonijiet li ġejjin:

- **<u>Kommunikazzjoni</u>**

Fejn tidħol il-komunikazzjoni, wassalt numru ta' bidliet dwar kif il-Kunsill Lokali jikkomunika mar-residenti. Dawn jinkludu:

- **Aġġornamenti aktar frekwenti fuq il-paġna Facebook tal-Kunsill**, speċjalment dawk relatati ma' aġġornamenti mill-laqgħat tal-Kunsill Lokali, kif ukoll informazzjoni dwar kif il-kunsilliera jistgħu jagħmlu użu mill-paġna Facebook biex jagħtu aġġornamenti lir-residenti.
- **Grupp WhatsApp** ġdid tal-Kunsill Lokali, li għalkemm ġie ssettjat, issa hemm bżonn jiġi promoss aktar biex jilħaq l-istess livell ta' viżibilità bħal dak tal-paġna Facebook.
- Is-sisien għall-ħruġ tar-**rivista tal-Kunsill** fil-bidu tal-2025 ġew imwaqqfa, u partijiet sostanzjali minn din ir-rivista tlestew biex toħroġ fix-xhur li ġejjin.

- **<u>Xjenza, Teknoloġija u Diġitallizzazzji</u>**

Fid-dikasteru tax-xjenza u t-teknoloġija, saru żewġ inizjattivi f'dawn ix-xhur:

- Il-**Junior Science Club** huwa magħmul minn żewġ korsijiet għat-tfal tal-primarja, fejn it-tfal jitgħallmu dwar kunċetti tax-xjenza u jagħmlu esperimenti żgħar. Dan il-klabb ġie mwaqqaf fuq proposta tiegħi f'waħda mill-ewwel laqgħat tal-Kunsill, u komplejt insegwi l-operat tiegħu. Dan il-klabb bħalissa għandu aktar minn ħamsa u għoxrin tifel u tifla.
- Dwar id-**diġitalizzazzjoni tal-operat tal-Kunsill**, saru xi diskussjonijiet interni fil-Kunsill Lokali u wkoll laqgħa mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Minn dawn id-diskussjonijiet ġie deċiż li għalissa nistennew l-inizjattivi ta' dan id-dipartiment qabel ma jsir xi ħaġa oħra mill-Kunsill.

- **<u>Skemi</u>**

Wieħed mid-dikasteri li ngħataw lili huwa dak tal-iskemi. F'dawn ix-xhur inizjali tal-leġiżlatura, wassalt numru ta' skemi għad-diskussjoni quddiem il-Kunsill Lokali. Fix-xhur

li ġejjin, inkompli nwassal dawn l-iskemi, ngħin fil-kitba tad-dokumentazzjoni u nara li l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom mill-Kunsill isiru dejjem b'mod aktar effettiv.

- **Tender Board**

Bħala membru tad-Tender Board tal-Kunsill Lokali, kont involut f'numru ta' laqgħat dwar it-tenders tal-ġonna, tas-servizzi tat-teknoloġija, u dak tal-parkeġġ ta' Wied il-Buni. Għalkemm it-tenders tal-ġonna u tas-servizzi tat-teknoloġija ġew ifinallizati fil-bidu tal-2025, personalment ma nistax ngħid li l-iskopijiet kollha li għalihom inħareġu dawn it-tenders ġew milħuqa, u nemmen li baqa' ħafna x'jsir biex il-kwalità tat-tenders maħruġa mill-Kunsill Lokali tagħna tiżdied fis-snin li ġejjin.

- **Għaqdiet Volantarji**

Saru ħafna diskussjonijiet ma' għaqdiet volontarji, iżda f'dan is-sommarju nixtieq insemmi x-xogħol li sar flimkien mal-Għaqda Storja u Kultura, fejn inġabru l-firem kontra t-tibdiliet fil-pjan lokali għal Wied Żnuber. Din il-kollaborazzjoni tal-membri kollha tal-kunsill ma' din l-għaqda wasslet għall-ġbir u s-sottomissjoni ta' aktar minn elf firma kontra dawn il-bidliet.

- **Finanzi**

Bħala kunsillier, kont involut u ħadt interess sħiħ fil-finanzi tal-Kunsill Lokali. Dan kien jinkludi diskussjonijiet dwar il-budget għas-sena 2025 u l-previżjoni għall-leġiżlatura. Il-finanzi tal-Kunsill għandhom numru ta' sfidi, inklużi spejjeż dejjem jiżdidu, u allokazzjoni mill-gvern ċentrali li ma tkoprix dawn iż-żidiet. Kif għamilt din is-sena, ser inkompli nara li l-kontroll fuq il-finanzi jibqa' jsir sewwa u b'mod effettiv.

**Konklużjoni**

Dawn l-ewwel xhur tal-leġiżlatura il-ġdida ta' dan il-Kunsill Lokali tawna ż-żmien biex nippreparaw ruħna għall-ħidma li trid issir fis-snin li ġejjin. Din il-ħidma fl-aħħar mill-aħħar trid tħalli frott lir-residenti tagħna, u biex tagħmel dan, trid tkun effettiva fuq żewġ aspetti. L-ewwelnett, irridu nkomplu nisimaw u nidiskutu mar-residenti u l=għaqdiet lokali, biex nifhmu l-prijoritajiet għal ħidma tagħna u t-tieni, irridu nkomplu naħdmu fuq id-dikasteri li ġew mogħtija lilna b'mod li nwasslu biddliet fil-ħajja tar-residenti tagħna.

## > *Rapport ta' ħidma mill-Kunsilliera Rohasia Zammit*

This report outlines my key contributions and initiatives undertaken in my role within the local council. My primary focus has been on youth engagement, animal welfare programs, and planning future activities to enhance community participation and well-being.

- **Collaboration with Youth Organizations in Birżebbuġa**

One of my initial responsibilities was to establish connections with various youth organizations in Birżebbuġa. This initiative was essential in introducing myself and understanding the needs and aspirations of young people in the community. Through these interactions, I aimed to build a stronger relationship between the youth and the local council, ensuring their concerns and ideas are acknowledged and considered.

Engaging with these groups allowed me to collect valuable feedback on the improvements and initiatives that young people want to see in the locality. These insights will help in shaping future projects tailored to their needs and interests.

- **Implementation of the Cat Feeders Program**

I actively participated in implementing the government's cat feeders program, which aims to support the responsible feeding and care of stray and community cats. My role included distributing allocated vouchers to individuals and organizations dedicated to animal welfare.

Additionally, I utilized the remaining vouchers to purchase extra cat food, ensuring resources were fully maximized to benefit the local feline population. This initiative was well received by the community, especially by residents involved in animal care, as it demonstrated the council's commitment to responsible pet welfare.

- **Introducing the Children's Council**

Understanding the importance of involving children in local governance, I initiated discussions to introduce a Children's Council in our locality. This platform will allow young residents to express their opinions, share ideas, and actively participate in community decision-making.

By working closely with educators and parents, I have begun establishing the framework for this council, ensuring it is an inclusive and effective initiative. This project is expected to foster early civic engagement and instill a sense of community responsibility in younger generations.

My role in the local council has centered around fostering community engagement, supporting youth participation, enhancing animal welfare, and planning for future initiatives. These efforts contribute to making Birżebbuġa a more inclusive and dynamic locality where residents feel valued and involved. Moving forward, I remain committed to expanding these initiatives and ensuring continued community development.

## > *Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Darren Mark Debono*

- **Komunita kummercjali**

Bhala l-kunsillier responsabli mill-komunita kummercjali f'Birzebbuga, Darren Debono jara li jsir l-kordinament flimkien mas-sindku u l-kunsilliera l-ohra meta jkun hemm xi progett ta' qluh jew gheluq ta xi toroq biex il-komunita kummercjali tkun avzata u jsiru l-arrangamenti li jkun hemm bzonn ghas-sahha u sigurta kemm taghhom kif ukoll tar-residenti li jkollhom bzonn il-htiega li jfrekwentaw il-hwienet u l-monti fil-lokal taghna, responsabli ukoll mill-licenzji tal-hwienet u l-promozzjoni tal-negozji.

- **Affarijiet marittimi inkluz iz-zamma tal-bajjiet u relazzjoni mal-entitajiet u ghaqdiet koncernati**

Il-kunsillier Darren Debono responsabli miz-zamma tal-bajjiet, ftit xhur ilu kien attenda ghal seminar organizzat mir-Red Cross Malta. Din l-organizzajoni tisorveljaw il-bajjiet taghna f'San Gorg u fil-bajja is-sabiha kemm fuq it-torri u kemm bil-mixi fuq il-bajja bhala prekawzjoni u biex jassistu f'kaz ta xi emergenza jew accident kemm fil-bahar u kemm fuq il-bajja. F'din il-laqa kien hemm diskussjoni biex il-kunsill lokali jitlob talba formali lil MTA biex jizdiedu is-sijat ta sorveljanza mir-Red Cross Malta u jizdidu il-granet ukoll. Ikun hemm koordinamet ukoll mal-operaturi tal-bajjiet biex f'kazijiet ta' kundizzjonijiet ta' temp hazin jkoperaw mal-Red Cross Malta biex jitnaqqas ir-risku li nies juzaw il-bajjiet meta jkun hemm struzzjonijiet ta' Red Flags.
F'Novembru li ghadda il-kunsillier Darren Debono ha sehem f'ezercizzjoni organizat mill-COMAH fejn flimkien mal-entitajiet kollha tal-port ta' Marsaxlokk biex saret simulazzjoni ta gass leak minn bastiment tal-LPG fil-port hieles. F'din il-laqa kull awtorita' spjegat b'mod tekniku ta' kif topera biex kemm jista' jkun tikontrolla is-sitwazzjoni bl-aktar mod efficjenti u biex thares is-sahha u sigurta' fil-port taghna. L- membri tac-CPD iringrazzjawna talli ipartecipajna bhala kunsill lokali Birzebbuga.
F'dan id-dekasteru Darren Debono jzomm relazzjoni mal-entitajiet koncernati fejn minn zmien ghal zmien ikollu laqat mahom biex jkun jista jwassal l-idejat jew materji li ghandhom bzonn jitjibu lil kunsill lokali biex jitihdu decizjonijiet mill-kunsill kollu.

- **Manutenzjoni ta' zoni rikreattivi u funtani**

F'dan id-dekasteru il-kunsillier Darren Debono jihu hsieb iz-zamma tal-gonna fil-lokalita taghna. Jaghmel risk assesments tal-kundizzjoni l-ghamara fil-gonna meta jidhol xi rapport ta' hsara fihom, dan sabiex jithares is-sahha u s-sigurta tar-residenti kbar u zaghar li juzaw dawn il-gonna sbieh li ghandna imxerdin fil-lokalita taghna.

## 6. Konklużjoni finali

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa huwa marbut sabiex fuq kollox jattwa l-pjan ta' ħidma li sar għas-snin 2024-2029.

Huwa impossibbli li tagħti rendikont dettaljat ġurnata b'ġurnata ta' dak kollu li jkun sar u ġara matul is-sena preċedenti, iżda tajjeb li wieħed ifakkar li, apparti dan kollu msemmi hawn fuq, il-Kunsill permezz tal-amministrazzjoni qiegħed jimmaniġġja wkoll diversi kuntratti li diġà huma attwali u dawk ġodda. Madankollu, ninsabu konvinti li b'dan kollu wieħed jista' jieħu stampa ċara, li għalkemm dejjem ikollna sfidi kbar, il-ħidma tal-Kunsill Lokali matul is-sena 2024 kienet waħda tajba. Wieħed irid jifhem ukoll li l-Kunsill Lokali waħdu ma jista' jagħmel xejn. Għalhekk, li kieku ma kienx għall-involviment ta' numru kbir ta' nies, ħafna minn dan ix-xogħol ma kienx jista' jitwettaq. Lil dawn kollha, il-Kunsill Lokali jirringrazzjahom għall-ħidma u l-inkoraġġiment tagħhom fil-lokalità tagħna.

**Imressaq u approvat illum l-Erbgħa, 12 ta' Frar 2024 waqt seduta numru 11.**

**IFFIRMATA**

______________________

**Scott Camilleri**
*Sindku*
Kunsill Lokali Birżebbuġa

**IFFIRMATA**

______________________

**Jordy Brincat**
*Segretarju Eżekuttiv*
Kunsill Lokali Birżebbuġa